# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 6 ta' Lulju, 2001.**

**Numru 32**

**Citaz. Nru. 946/01GV**

**U.C.I.M. Co. Ltd.**

**vs**

**Alla Sergueeva u Andrei Moon**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-konvenuti huma debituri tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' elf u sebghin lira (Lm1,070) rapprezentanti import ta' ghaxar (10) kambjali ta' Lm107 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Awissu 2000 sa Mejju 2001 u mhux imhallsa, huma hawn annessi markati bin-numri minn 1 sa 10 konsekuttivament u inklusivament;

Premess illi ghalkemm mitluba biex ihallsu diversi drabi, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Premess li l-kreditu tas-socjeta' attrici fis-somma ta' Lm1,070 hu cert, likwidu u esigibbli u sa fejn taf is-socjeta' attrici, il-konvenuti m'ghandhom l-ebda difisa valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba taghha ghal

hlas ta' dik is-somma kif jidher mill-affidavit ta' Alfred Formosa, ir-rappresentant tas-socjeta' attrici, hawn anness Dok. A;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. Taghti s-sentenza u tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) u

2. Tikkundanna minnufih lill-konvenuti jhallsu lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' Lm1,070 fuq imsemmija dovuta kif intqal fuq.

Bl-imghax mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala, li sas-16 ta' April, 2001 jammontaw ghal Lm35, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Marzu, 2001 kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lil konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet l-avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**